MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2073/2000/1

**Cit Nru: 2073/00 JA.**

**Marco Attard.**

**-vs-**

**SMS Insurance Agency Limited bhala rapp-rezentanti tas-socjeta' Ecclesiastical Office p.l.c.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2000 li permezz tieghu l- attur ippremetta:

Illi l-vettura Honda CRX numru ta' registrazzjoni BBH 294 propjeta' ta' l-attur hija assigurata 'fully comprehensive

permezz ta’ Polza numru MPA 000522 mas-socjeta’ konvenuta SMS Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta’ estera Ecclesiastical Insuranci Office p.l.c.;

Illi (sic)l-konvenut kien involut f’ incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAE 241, nhar id-19 ta’ Marzu, 2000 f’ Hal-Luqa, f’ liema incident il-vettura saritilha hsarat estensivi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz;

Illi l-istess socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru, 2000, izda baqghet inadempjenti;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjaraha responsabbli li thallas lill-konvenut id-danni kollha li sofriet il-vettura BBH 294 u li kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-polza ta’ Assigurazzjoni vigenti bejn il-partijiet;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo n-nomina ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas (sic)lill-konvenut id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta komprizi ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru 2000 li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fil-15 ta’ Novembru, 2000, li permezz taghha eccepiet:

1. Illi din il-Qorti ma' ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni tal-kaz de quo stante li l-partijiet kienu qablu li jirreferu kull differenza bejniethom dwar il-polza ta' l-assikurazzjoni lil arbitru u dan ai termini tas-subartikolu 7 ta' l-artikolu 1 tat-tieni sezzjoni tal-polza ta' l-assikurazzjoni invokata mill-istess attur;

2. Fil-meritu illi l-polza ta' l-assikurazzjoni invokata mill-attur hija vizzjata billi giet ottenuta bil-frodi u b' nuqqas ta' "Full disclosure" da parti ta' l-assikurat dwar cirkostanzi u fatti li kienu materjali ghall-hrug tal-polza ta' l-assikurazzjoni billi jirrigwardjaw dettalji importanti tal-persuna ta' l-assikurat u l-passat tieghu u b' hekk dwar l-entita' tar-riskju li kienet sejra tkopri s-socjeta' assikuratrici;

3. Illi s-socjeta' konvenuta ghandha raguni tirrileva li ghandha raguni fondata li tissuspetta li dak li gie denunzjat mill-attur fil-"claim" tieghu mhux ghal kollox minnu;

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess assikurat naqas milli jimxi u josserva t-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-istess polza ta' assikurazzjoni u ghalhekk mexa bi ksur ta' l-istess polza ta' assikurazzjoni.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Johathan Abela u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat l-atti processwali u n-noti tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti trid tiddeciedi ghanhiex gurisdizzjoni minhabba li l-kuntratt t' assikurazzjoni in kwistjoni kien jipprovdi li f' kaz li l-partijiet ma jaqblux fuq interpretazzjoni tal-kuntratt, il-kaz kellu jigi sottomess ghall-arbitragg. Il-klawsola jew subartikolu 7 tal-artikolu L tat-tieni parti tal-polza in kwistjoni jghid:

*All differences arising out of this policy shall be refered to the decision of an arbitrator appointed under current statutory provisions within one month after the written request by you or us, an aware must be made by the arbitrator before Court proceedings can be started against us. If we refuse liability for a claim and this claim is not referred to arbitration within one year from the date of the refusal, the claim shall be deemed to have been withdrawn and cannot be subsequently revived.*

Il-gurisprudenza taghna ma tantx hija konkordi fuq il-materja. Fis-snin l-iktar imghoddija it-tendenza principali kienet li l-Qorti tiddeklina l-guridizzjoni a bazi tal-principju stabbilit fil-Kodici Civili taghna li dak li jiftehmu l-partijiet bejnithom ghandha sahha ta' Ligi. Per esempju fil-kawza ***"Laferla –vs- Mizzi"*** deciza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar, 1964, il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut (dipartiment tal-Gvern) minhabba li l-kuntratt in kwistjoni kien jipprovdi li f' kaz ta' nuqqas ta' qbil il-konvenut kellhu dritt jirreferi l-kaz lill-Bord maghmul apposta. L-istess ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"Casha –vs- Mizzi"*** deciza fil-5 ta' Gunju, 1985. F' din l-okkazzjoni l-Qorti ta' l-Appell qalbet sentenza tal-Qorti tal-Kummerc.

Ricentement pero' t-tendenza ma baqghetx l-istess u l-Qrati bdew jinvestigaw il-mertu tal-kaz. Per ezempju fil-kawza

***"Ellul –vs- Bowman"*** (28 t' April, 1993) il-Qorti tal-Kummerc assumiet il-gurisdizzjoni ghaliex il-klawsola arbitrarja kienet tirreferi l-kaz ghal arbitragg f' Londra, meta fil-fehma tal-Qorti, il-Ligi Maltija kienet dik li fid-dritt internazzjonali privat tissejjah il-*proper law* tal-kuntratt.

Madankollu l-iktar kaz li jixbah dak odjern hu dak deciz mill-Qorti ta' l-Appell ricentement u cioe' fl-10 t' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***"Ignatius Gatt –vs- Franco Facchetti"***. Il-Qorti f' dan il-kaz ikkonkludiet li billi l-konvenuti ma rrispondewx ghall-ittra gudizzjarja tal-attur qabel giet istitwita l-kawza, irrinunzjaw ghad-dritt li jirreferu l-kaz ghall-arbitragg u kwindi l-attur kien gustifikat li jiftah il-kawza ghaliex jispetta ghaz-zewg partijiet li jmorru arbitragg ghaliex hu ovvju li hadd ma' jista jirreferi ghall-arbitragg wahdu. Sentenza konkordi kienet dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***"John Agius –vs- Micallef Insurance Agency"*** (19 ta' Gunju, 2002).

Dan il-kaz ghandhu aspett partikolari ghaliex il-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom qed jeccepixxu li l-attur ma' svelax dak kollu li kellu jghidilhom qabel assikurawh – fi kliem iehor qed jghidu li l-polza hija nulla fis-sens li ma humhiex obligat jirrimborsawh. Kwindi jekk dan hu minnu l-polza kollha hija nulla, kompriza l-parti invokata minnhom stess. Ma jistghux jghidu illi l-polza nulla u fl-istess waqt jiccitaw parti minnha biex il-Qorti tiddeklina l-gurisdizzjoni. Barra minn hekk f' dan il-kaz jidher li huma ma rrispondewx ghall-ittra ufficjali tal-attur li giet prezentata qabel il-kawza (skond id-dikjrazzjoni guramentata tal-attur). Ghalhekk kif argumentat is-sentenza ***"Gatt –vs- Facchetti"*** fuq imsemmija, billi arbitragg ma jistax wiehed imur wahdu, dan il-fatt wahdu jispingi l-Qorti biex tichad l-ewwel eccezzjoni. Lanqas hu gust li wiehed joqghod jistenna li jigi mharrek biex imbaghad jiftakar li seta invoka arbitragg meta l-attur ghamel it-talba tieghu lill-konvenuti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tordna illi l-kawza titkompla tinstema.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Moqrija.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------